

## RETTIFIKA

**Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1127 tal-10 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 184 tal-11 ta' Lulju 2015)

Fpaġna 15, fl-Anness, li jikkonċerna n-nota fqiegħ il-paġna (\*) fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE, it-tielet paragrafu,

*flok:* "Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HDD annwali fil-post tal-faċilità tal-inkinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu  $(18\text{ }^{\circ}\text{C} - T_m) \times d$  jekk  $T_m$  tkun  $15\text{ }^{\circ}\text{C}$  jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nil jekk  $T_m$  tkun aktar minn  $15\text{ }^{\circ}\text{C}$ ; f'dan il-każ  $T_m$  tfisser it-temperatura medja ta' barra  $(T_{min} + T_{max}/2)$  matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum ( $d = 1$ ), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa."

*aqra:* "Il-valur tal-HDD (l-għadd ta' jiem ta' tisħin) għandu jkun il-medja tal-valuri HDD annwali fil-post tal-faċilità tal-inkinerazzjoni, ikkalkulat għal 20 sena konsekuttivi qabel is-sena li għaliha jiġi kkalkulat is-CCF. Għall-kalkolu tal-valur tal-HDD għandu jiġi applikat dan il-metodu stabbilit mill-Eurostat: Il-valur tal-HDD hu  $(18\text{ }^{\circ}\text{C} - T_m) \times d$  jekk  $T_m$  tkun  $15\text{ }^{\circ}\text{C}$  jew inqas (il-limitu tat-tisħin) u jkun nil jekk  $T_m$  tkun aktar minn  $15\text{ }^{\circ}\text{C}$ ; f'dan il-każ  $T_m$  tfisser it-temperatura medja ta' barra  $(T_{min} + T_{max})/2$  matul perjodu ta' d ġranet. Il-kalkoli għandhom isiru kuljum ( $d = 1$ ), u jkunu jgħaqqdu sena sħiħa."

**Rettifika tad-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013)

Fpaġna 94, il-premessa 41, l-ewwel sentenza,

*minflok:* "... skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-punti 2.3, 2.4 u 2.5 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I, u l-Annessi V, VII and IX."

*aqra:* "... skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-punti 2.3, 2.4 u 2.5 tat-Taqsima 2 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I, u l-Annessi V, VII u IX;"

Fpaġna 111, l-Artikolu 47, il-punt (a)( i),

*minflok:* "(i) il-punti 2.3, 2.4 u 2.5 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I;"

*aqra:* "(i) il-punti 2.3, 2.4 u 2.5 tat-Taqsima 2 kif ukoll it-Taqsima 3 tal-Parti B u t-Taqsima 3 tal-Parti C tal-Anness I;"

Fpaġna 119, l-Anness I, il-Parti B, it-Taqsima 1, il-punt 1.1, il-punt (b),

*minflok:* "(b) it-tip ta' magna, il-familja tal-magna, jekk japplika;"

*aqra:* "(b) it-tip ta' magna u, jekk applikabbli, il-familja tal-magna;"